MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2007

Numru. 1320/2007

Il-Pulizija
(spetturi MarioTonna u Nezren Grixti )
vs
Josephine Farrugia ID 479762M

Kumpilazzjoni 1320/2007

Illum 20 ta' Ottubru 2007

IL-QORTI

Rat l-akkuza migjuba mill-pulizija kontra Josephine Farrugia ID 479762M u dan talli fil-lejl ta' bejn id-19 ta' Ottubru 2007 u l-20 ta' Ottubru 2007 gewwa triq Brighella Santa Venera

1. Volontarjament gharrqet jew ghamlet hsara fuq vettura numru CAO 223 tal-ghamla Nissan ghad-dannu ta' Evano Briffa.
2. Kif ukoll talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, ingurjat jew heddet jew ghamlet offiza fuq il-persuna ta' PS 1141

N Tanti, PC 99 M Portelli u PC 1052 B Tonna u diversi ufficjali ohra tal-pulizija, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li tinfluwixxi jew tbezzghhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz.
3. Kif ukoll b'diversi atti maghmulin b'rizoluzzjoni wahda anke jekk f'hinijiet u postijiet differenti bejn il-15 ta' Ottubru 2007 u id-19 ta' Ottubru 2007 heddet lill-istess Oscar Briffa ID 384586M minn santa Venera bi kliem anke jekk b'diversi mezzi ohra.
4. Fl-istess lok data hin u cirkostanzi ma obdietx l-ordnijiet -legittimi moghtija lilha mill-pulizija ezekuttiva.
5. Fl-istess lok data hin u cirkostanzi volontarjament kisret il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Semghet lill-akkuzata, fi stat bikri tal-proceduri, u minn jeddha, u fil-presenza tal-avukat difensur taghha, tammetti l-akkuzi kif dedotti kontra taghha.

Issib lil-istess akkuzata hatja talli fil-lejl ta' bejn id-19 ta' Ottubru 2007 u l-20 ta' Ottubru 2007 gewwa triq Brighella Santa Venera:
1. Volontarjament gharrqet jew ghamlet hsara fuq vettura numru CAO 223 tal-ghamla Nissan ghad-dannu ta' Evano Briffa.
2. Kif ukoll talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, ingurjat jew heddet jew ghamlet offiza fuq il-persuna ta' PS 1141 N Tanti, PC 99 M Portelli u PC 1052 B Tonna u diversi ufficjali ohra tal-pulizija, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li tinfluwixxi jew tbezzghhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz.
3. Kif ukoll b'diversi atti maghmulin b'rizoluzzjoni wahda anke jekk f'hinijiet u postijiet differenti bejn il-15 ta' Ottubru 2007 u id-19 ta' Ottubru 2007 heddet lill-istess Oscar Briffa ID 384586M minn santa Venera bi kliem anke jekk b'diversi mezzi ohra.
4. Fl-istess lok data hin u cirkostanzi ma obdietx l-ordnijiet -legittimi moghtija lilha mill-pulizija ezekuttiva.

5. Fl-istess lok data hin u cirkostanzi volontarjament kisret il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Rat l-artikoli:
1) 325 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2) 92, 95 u 18 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
3) 338 (e) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
4) 338 (ee) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
5) 338 (dd) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

In rigward piena;
Wara li l-Qorti kkunsidrat, li kif inghad mid-difiza tal-akkuzata, li hi ser taghmel tajjeb ghal hsarat kollha kagunati lil parti lesa, kif ukoll rat il-kondotta sallum nadifa tal-istess akkuzata.

Tikkunsidra lill-akkuzata bhala 'a first time offender' u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta'
Malta

Tordna li l-akkuzata tigi liberata bil-kundizzjoni li ma tikkommettiex reat iehor fi zmien sena millum.

In oltre b'applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali tordna lill-akkuzata tiffirma garanzija ghal bon ordni u paci pubblika favur Oscar Briffa, Evelyn Birffa, Lorraine Cilia u Evano Briffa taht penali ta' mitt lira maltin (LM100.00) u dan ghal zmien sena millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------